MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Numru. 349/2002

**Il-Pulizija (Spettur Antonello Grech )**

**- vs -**

**George Sacco bin George u Carmela nee Mizzi li joqghod Nru 59, Triq San Duminku, Rabat, Ghawdex. (Karta ta’ l-Identita` Nru 2255 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat akkuzat talli fit-18 ta’ Gunju 2002 ghall-habta tat-7:45 a.m. waqt li kien isuq Bus Numru FBY 040 fi Triq Santu Pietru, Gharb (1) saq l-imsemmija vettura b’mod negligenti (2) b’imprudenza, negligenza u ksur tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lil Stella Cauchi u kkagunalha griehi ta’

natura gravi skond kif iccertifika Dr Patrick Sciberras M.D. ta’ l-Isptar Generali t’Ghawdex .

Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija tissospendi lis-sewwieq minn kull licenzja tas-sewqan ghal tul ta’ zmien li jidhrilha xieraq.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi mismugha Stella Cauchi ntlaqtet mill-parti frontali tax-xarabank misjuqa mill-imputat u spiccat taht l-istess xarabank fuq in-naha ta’ wara. Din kienet qed tistenna ix-xarabank izda peress illi fuq l-istage appozita l-bieba tax-xarabank tinzerta taghti ghan-naha l-ohra tat-triq, jidher li hija prassi komuni li n-nies jistennew fuq in-naha tat-triq minn fejn ittajret il-vittma. L-imputat kellu vizwali tajba u ma kellux x’jostakolalu l-prezenza tal-vittma. Minkejja dan, ma jirrizultax speed eccessiv ghaliex il-kaz kien ikollu konsegwenzi ferm aktar gravi.

Ghalhekk ma ssibux hati ta’ l-ewwel akkuza u dik il-parti tat-tieni akkuza li titkellem dwar negligenza.

Issibu hati tat-tieni akkuza, hlief ta’ l-aspett negligenti;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65 u 226 tal-Kap 9;

Tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsin lira Maltin (Lm50).

--------------------------------TMIEM--------------------------------